# Blog ta' Carmel Cacopardo

Viċi Chairman ta' Alternattiva Demokratika – AD The Green Party

JUN **9** 2016

## X’qed jaħbu f’Dar Malta fi Brussels ?




(https://carmelcacopardo.files.wordpress.com/2016/06/national-representations-in-brussels.png)

Fi studju (http://g8fip1kplyr33r3krz5b97d1.wpengine.netdna-cdn.com/wp-content/uploads/2016/03/NationalRepresentationBrussels-FINAL.pdf) mħejji minn ALTER-EU (Alliance for Lobbying Transparency and Ethics Regulation – grupp ta’ NGOs li jaħdmu favur it-trasparenza) ippubblikat f’Marzu li għadda ma tantx jidher li r-rappreżentanti ta’ Malta fi Brussels jipprattikaw wisq it-trasparenza.

Matul l-2015 ALTER-EU talbet lil diversi rappreżentanti ta’ pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea biex jinfurmawhom permezz tal-proċeduri tal-Freedom of Information Act dwar il-lista ta’ laqgħat li r-rappreżentanti ta’ Malta fi Brussels kellhom ma dawk imsejħa lobbyists – jiġifieri dawk li jfittxu li jinfluwenzaw it-teħid ta’ deċiżjonijiet u l-formolazzjoni ta’ policy fl-istituzzjonijiet ewropej.

Ir-rappreżentanti ta’ Malta fi Brussels (skond ir-rapport (http://g8fip1kplyr33r3krz5b97d1.wpengine.netdna-cdn.com/wp-content/uploads/2016/03/NationalRepresentationBrussels-FINAL.pdf)) kienu ta’ wieħed minn żewġ pajjiżi li irrifjutaw li jagħtu din l-informazzjoni. L-oħrajn kienu r-rappreżentanti tar-Renju Unit.

X’qed jaħbu f’Dar Malta fi Brussels?

Advertisements (https://en.support.wordpress.com/about-these-ads/)

By carmelcacopardo • Posted in ALTER-EU (Alliance for Lobbying Transparency and Ethics Regulation), Freedom of Information Act, lobbying, Malta Representation in Brussels, transparency • Tagged ALTER-EU

(Alliance for Lobbying Transparency and Ethics Regulation), Freedom of Information Act, lobbying, Malta Representation in Brussels, transparency

Create a free website or blog at WordPress.com.